MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 284/2001/1

**It-Tabib Dottor John Cassar u Marie xebba Cassar**

**vs**

**Stanley Castillo**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Dicembru, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-5 ta' April 2001, fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jizgombra mill-fond 243 Main Street, Balzan peress li qed jokkupah minghajr titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta’ kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur lokatizju ma jeccedix il-mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Stanley Castillo fejn eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li huwa jgawdi titolu validu fil-ligi fuq il-fond 243, Main Street, Balzan, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Stanley Castillo fejn eccepixxa illi:

Illi dina l-Qorti hija zvestita mill-gurisdizzjoni mehtiega sabiex tiddetermina t-talbiet attrici minhabba inkompetenza *ratione materiae.*

Illi in oltre l-kawza kif proposta hija guridikament intavolata hazin stante li bla titolu jimporta okkupazzjoni ta’ fond li sa mill-bidu nett ma kienetx konsentita, okkupazzjoni li saret minghajr kunsens, abbusivament u bi vjolenza, b’arbitriju jew klandestinament, liema llegalita’ ppredurat sal-mument li giet proposta l-kawza. Bla titolu ma jfissirx bhala kawzali xi kwalita’ ta’ titolu li seta’ kien hemm imma issa wahda mill-partijiet tirritjeni li ma ghadux jissussisti u ghalhekk ikun hemm bzonn dikjarazzjoni gudizzjarja li t-titolu li hemm intilef, spicca jew b’xi mod iehor ma ghadux validu minhabba ragunijiet ta’ zmien, morozita’, non osservanza tal-kundizzjonijiet tat-titolu u simili. Anke l-prekarju huwa titolu proprio ghaliex l-okkupazzjoni inizjali tkun legittima u dan kif gie deciz mill-kawza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fit-3 ta’ Dicembru, 1999, fl-ismijiet *Paulo Formosa vs Gianni Vella*, fejn giet michuda talba ghal zgumbrament *ratione materiae*. L-istess intqal fil-kawza deciza fit-12 ta’ Awissu 1994 mill-Qorti ta’ l-Appell Inferjuri fl-ismijiet *Karmelina sive Lina Camilleri vs Paul Mifsud et noe*. Fil-kaz in ezami hemm sahansitra qbil bejn il-kontendenti li l-konvenut kien igawdi l-fond b’titolu ta’ enfitewsi temporaneja (anzi l-konvenut jinsisti li ghadu

sallum jokkupa l-fond b'titolu fil-ligi), u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tiddisponi mill-meritu trid l-ewwel tikkonsidra l-eccezzjoni ta' inkompetenza "ratione materiae" imqajjma mill-konvenut fl-eccezzjoni ulterjuri tieghu. Din l-eccezzjoni hija bbazata fuq guris prudenza ikkwotata mill-istess konvenut li kollha jirrigwardaw il-kompetenza ta' din il-Qorti ghal dak li jirrigwarda talba ta' zgumbramenti fuq kawzali ta' "minghajr titolu", liema sentenzi jghidu li meta mill-fatti jirrizulta illi kien jezisti titolu liema titolu jista' jigi terminat, dik it-terminazzjoni ghandha tigi kkunsidrata mill-Bordijiet specjali u mhux mill-Qrati ordinarji. Din kienet is-sitwazzjoni sa ftit zmien ilu. Izda b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-20 ta' Ottubru 2003, fl-ismijiet "Joseph Gauci vs Catherine Kerkoub", is-sitwazzjoni inqalbet u issa din il-Qorti trid tidderigi ruhha fuq taghlim moghti minn din l-ahhar sentenza. Fejn, fost affarijiet ohra qalet, *"………. dan ma jfissirx illi kull meta tissemma' l-kelma kera l-Qrati ta' Gurisdizzjoni Ordinarja jitilfu l-kompetenza. Jekk ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni quddiem Qorti ta' Gurisdizzjoni Ordinarja jkun mehtieg illi qabel xejn tinghata twegibha ghal kwistjoni incidentali jekk il-konvenut huwiex kerrej jew le. Il-Qorti ghandha wkoll is-setgha li taqta' dik il-kwistjoni incidentali."* Din hija proprju l-kwistjoni illi ghandha quddiemha din il-Qorti.

Qabel ma tghaddi biex tilqa' t-talba tal-atturi jekk ikun il-kaz, trid bilfors tidhol fil-kwistjoni incidentali jekk il-konvenut huwiex kerrej jew le.

U ghalhekk, a bazi tas-sentenza fuq imsemmija l-Qorti issa se tghaddi ghal meritu biex twiegeb din id-domanda.

Ikkunsidrat:

Ghal dawk illi huma l-fatti ma hemmx kontroversja bejn il-partijiet. Tant illi b'verbal maghmul fit-12 ta' Novembru 2002 fethemu u ghamlu d-dikjarazzoni taghhom dwar il-

fatti. Irrizulta illi l-koncessjoni enfitewtika originali fuq il-fond 243, Main Street, Balzan, sar b'kuntratt in atti Nutar Dr. Alexander Grech tal-20 ta' Frar 1954, ghal perjodu ta' tletin sena, b'effett mill-1 t'April 1954.

Din il-koncessjoni enfitewtika spiccat fil-31 ta' Marzu 1984. Izda fil-mori taghha, u cioe fit-23 ta' Marzu 1979, il-konvenut kera l-fond minghand l-allura utilisti, liema kirja kellha tkun ghal perjodu kollu li kien ghad fadal mill-koncessjoni enfitewtika. Ghalhekk il-kirja wkoll spiccat fl-istess gurnata illi spiccat il-koncessjoni fil-31 ta' Marzu 1982.

Il-partijiet qablu wkoll illi l-konvenut huwa cittadin malti u li uza l-fond bhala residenza ordinarja tieghu. Huwa dan l-ahhar fattur illi qed iservi bhala katalist ghall-konvenut sabiex jinvoka favur tieghu id-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta, li fl-eghluq ta' enfitewsi temporanja l-inkwilin li jkun cittadin ta' Malta u li jokkupa d-dar bhala residenza ordinarju ghandu jkun protett taht il-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess Kap.

Ikkunsidrat:

Wara li l-Qorti qieset l-argumenti tal-partijiet fin-noti rispettivi taghhom, issib illi n-nota maghmula mill-atturi taghmel aktar sens legali fl-isfond tat-tifsira tal-artikolu 12 tal-Kap 158.

Dan l-artikolu jipprovdi *"(1) Minkejja kull disposizzjoni li tinsab fil-Kodici Civili jew f'xi ligi ohra, id-disposizzjonijiet li gejjin ta' dan l-artikolu, ghandhom ikollhom effett dwar il-kuntratti kollha ta' emfitewsi temporanji li jkunu saru fi kwalunkwe zmien. ……….. (3) Meta fit-tmien ta' emfitewsi kif imsemmi fis-sub-artiklu (2) (a) jew (b) id-dar ta' abitazzjoni tkun soggetta ghall-kirja, id-disposizzjonijiet tal-ordinanza li tirregola t-tigdid tal-kiri tal-bini m'ghandhomx japplikaw dwar kirja bhal din.*

Izda meta l-kerrej taht l-imsemmija kirja jkun cittadin ta' Malta u jkun jokkupa d-dar bhala residenza ordinarja tieghu, dan ghandu fit-tmiem l-imsemmija kirja jkollu l-jedd

li jkompli jokkupa d-dar taht girja gdida minghand il-patrun dirett. ………..”

Dan l-artikolu jaghmilha cara li minkejja kull disposizzjoni li tinsab fil-Kodici Civili, jew f’xi ligi ohra huwa dan l-artikolu, taht dan il-Kap. illi japplika ghac-cirkostanzi imsemmija fl-istess artikolu.

Quindi, meta tiskadi koncessjoni enfitewtika u d-dar ta’ abitazzjoni tkun soggetta ghall-kirja allura l-kerrej jekk jikkwalifika jkollu d-dritt ghar-rilokazzjoni tal-fond.

Ghal kaz in ezami l-parti operattiva ta’ dan l-artikolu huwa s-sub-incis (b) tal-artikolu msemmi li jistipula li d-dar ta’ abitazzjoni tkun soggetta ghall-kirja fit-tmiem il-koncessjoni enfitewtika. F’dan il-kaz hu pacifiku bejn il-partijiet illi l-koncessjoni enfitewtika u l-kirja, it-tnejn jispiccaw fl-istess zmien u gurnata u cioe, fil-31 ta’ Marzu 1984.

Quindi, meta skadiet il-koncessjoni, id-dar ta’ abitazzjoni ma kinitx soggetta ghall-kirja, ghax din skadiet ukoll komtemporanjament.

Hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi l-konvenut lanqas ma jista’ jinvoka favur tieghu xi ligijiet ohra mill-Kodici Civili, jew ligijiet specjali, il-ghaliex il-Kap. 158 bl-Artikolu 12 jeskludi kwalunkwe ligi ohra f’kaz ta’ terminazzjoni ta’ koncessjonijiet enfitewtici u jistipula illi dawn is-sitwazzjoni ghandhom ikunu koperti biss bl-Artiklu 12 tal-Kap fuq imsemmi.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza msemmija mill-attur fin-Nota ta’ Osservazzjonijiet tieghu: “Salvu Azzopardi vs Toni Camilleri” moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tal-Gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna fil-15 ta’ Dicembru, 1976 b’fatti simili hafna ghal dan in ezami.

Il-Qorti kienet ikkonkludiet illi *“konsegwentement il-konkluzjoni logika hi li jekk fit-terminazzjoni tal-emfitewsi ma jkunx hemm perjodu korrenti ta’ kiri, zghir kemm hu zghir, allura s-successur fil-pussess tal-fond ma jassumix*

*il-vesti guridika ta’ l-attur fil-konfront ta’ dak li jkun qed jokkupa l-fond.”*

A skans ta’ ripetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghal bqija tan-Nota ta’ l-atturi, fejn ikkwotaw in extenso minn din is-sentenza.

F’dan l-istadju ghalhekk il-Qorti tasal biex taghti twegiba ghal kwistjoni incidentali jekk il-konvenut huwiex kerrej jew le. U fuq l-iskorta tal-Gurisprudenza fuq imsemmija, u l-argumenti migjuba tasal ghal konkluzjoni li l-konvenut m’huwiex kerrej, ghas-semplici raguni li l-kirja tieghu spiccat kontemporanjament mal-koncessjoni enfitewtika u quindi d-dar ta’ abitazzjoni tieghu ma kienitx soggetta ghall-kirja fi zmien it-terminazzjoni tal-koncessjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa t-talba tal-atturi, tipprefiggi termini ta’ erba’ xhur sabiex il-konvenut jizgombra mill-fond 243, Main Street, Balzan peress li qed jokkupah minghajr titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.”

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha fuq il-kontenzjoni illi l-ewwel Qorti kkonkludiet zbaljatament meta bbazat l-argomentazzjoni taghha fuq l-ewwel parti tas-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 12 tal-Kap 158 u fuq ir-ragonament tas-sentenza fl-ismijiet “Salvu Azzopardi -vs- Toni Camilleri” (Qorti Magistrati, Ghawdex, 15 ta’ Dicembru 1976).

Naturalment, kif mistenni, ghall-atturi appellati, invece, il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti ghandha titqies ineccepibbli in kwantu la l-kirja spiccat kontemporanjament mat-terminazzjoni ta’ l-enfitewsi temporanja, ergo, d-dar ta’ abitazzjoni ma kienetx soggetta ghall-kirja f’gheluq il-koncessjoni tac-cens u allura l-appellant ma jistghax jipprevalixxi ruhu mill-artikolu tal-ligi precitat.

Indubbjament, ir-rizoluzzjoni tal-materja konsiderata tiddependi unikament fuq l-interpretazzjoni li jrid jitqieghed

fuq it-test tal-ligi fl-Artikolu 12 (3) tal-Kap 158. Interpretazzjoni din li ghandha tkun oggettiva u li ghandha l-iskop li tiddetermina l-volonta` tal-legislatur in kwantu nkorporata fit-test tan-norma ezaminata.

Kif saput, il-kompitu ta' l-interpretazzjoni mhux ezercizzju facli u, anzi, ta' sikwit joffri insidji li, jekk wiehed ma joqghodx attent ghalihom, spiss jinkorri fi zball. Dan jokkorri partikolarment fejn it-test ikun oskur jew elaborat izzejjed jew fejn ikun fonti ta' aktar minn interpretazzjoni wahda. B'danakollu, kif wisq tajjeb gie espress, "billi hi regola ta' interpretazzjoni illi ebda ligi ma ghandha titqies kontradittorja fiha nfisha, meta jkun hemm dubju fuq hekk, huwa kompitu tal-gudikant li jindaga u jinterpreta s-sens skond l-intenzjoni tal-legislatur, u b'quddiem ghajnejh ir-ragunijiet li geghlu lil-legislatur jaddotta l-ligi. Il-gudikant ghalhekk ghandu jirrikorri ghal "mens legis" biex jaghti dik l-interpretazzjoni li tikkorrispondi ghall-ispirtu nformatur tal-ligi" ("**Kollez. Vol. XXXVII pI p179**).

Premessa din l-introduzzjoni ghall-materja hawn trattata, ghalkemm in linea ta' principju l-intenzjoni tal-legislatur ghandha tigi stabbilita mil-ligi nfisha, jidher li minn dejjem kienet il-prattika tal-Qrati taghna illi jigi ricerkat dawl anke mid-diskussjoni tal-abbozz tal-ligi fil-Kamra tad-Deputati, anke jekk gie kawtelat ukoll, fuq l-insenjamenti tal-awturi, senjatament, **Ricci** ("Diritto Civile, Vol I, para 13) illi "si guardi bene l'interprete dallo attribuire una soverchia importanza ai siffatti elementi di interpretazione … L'interprete deve fermare la sua attenzione sui precedenti della legge e specialmente sul complesso delle sue disposizioni intesa a regolare una data materia". Ara a propozitu s-sentenza fl-ismijiet "**Avv. Dottor Vincenzo Depasquale noe -vs- Francesca Aquilina**", Appell Civili, 28 ta' Ottubru 1968.

Jidher mid-diskussjoni Parlamentari fuq il-ligi 'de quo' illi l-intenzjoni tal-legislatur, ghallanqas fejn kien jirrigwarda l-istitut tac-cens, kienet dik illi, fi kliem l-Onor. Guido Demarco, kelliem ewlieni ghall-Opposizzjoni, "qeghdin nistituzzjonalizzaw il-kambjament tat-titolu minn wiehed li jezawrixxi ruhu mac-cens temporanju u nbiddluh f'titolu ta'

kera" (Seduta Nru 303, 23 ta' Lulju 1979). Din prattikament tipparafreza l-kontenut u l-qofol tad-dibattitu fuq il-ligi u tirrifletti l-veru hsieb dwarha ntiz li jintlahaq mil-legislatur.

In generali, mill-kumpless ta' l-Artikolu 12 tal-Kap 158, din ir-realta` hi sew rispekkjata fl-incizi varji ta' dan id-dispost. Dan hu manifest, dejjem fil-kaz ta' tmiem ta' enfitewsi temporanja, fis-subinciz (2) fejn jirrigwarda c-censwalist, fis-subinciz (3), fejn ikollok kerrej, fis-subinciz (7), fil-kaz ta' okkupant li jkun ghadu jirrisjedi fil-fond ta' residenza fil-21 ta' Gunju 1979, u fis-subinciz (10), riferibilment ghall-okkupazzjoni tal-fond minn uzufruttwarju jew taht titolu ta' abitazzjoni. F'dawn kollha l-ligi tahseb, oltre ghall-konversjoni tat-titolu minn dak ta' cens ghal wiehed ta' kera, ghall-protezzjoni ta' min ikun qieghed fil-fond, sija jekk hu censwalist, kerrej jew okkupant.

Hemm imbaghad konsiderazzjoni ohra li trid issir u li hi ta' importanza ghall-istess spirtu tal-ligi.

L-Artiklu 12 fis-subinciz (1) tieghu jibda biex jipprovdi ghad-deroga mill-portata tieghu ta' kull haga fil-Kodici Civili jew f'xi ligi ohra inerenti ghall-kuntratti kollha ta' enfitewsi temporanja. Dan ipprovdiet ghalih biex proprju tidderoga ghall-effetti ta' l-Artikolu 1521 (1) tal-Kodici Civili fil-kaz tat-tmiem ta' l-enfitewsi.

Hekk ukoll l-istess ligi fis-subinciz (3) tal-istess Artikolu 12 hasbet ghall-ezenzjoni mill-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini f'kaz li f'gheluq l-enfitewsi d-dar ta' abitazzjoni tkun soggetta ghall-kirja. Dan naturalment ghamlitu ghax kien il-hsieb li f'kaz ta' kirja bhal dik, li tkun saret minn censwalist, din tkun regolata biss mid-disposizzjonijiet tal-Att XXIII ta' l-1979. Att dan li jikkomprendi fih definizzjonijiet specjali stabbiliti f'din il-ligi, kompriz allura wkoll it-tifsira li din il-ligi taghti lill-kelma "kerrej". Inoltre, la ma giex hekk eskluz ukoll ifisser li d-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili riferibilment ghal din il-kirja jibqghu applikabbli. Dan kemm ghar-rigward ta' zmien u aktar u aktar ghall-portata tal-Artikolu 1530 fejn it-titolu ta' kera

jkun inghata minn min kellu titolu rizolubbli. Materja din li fil-kaz in ezami ma tinsorgiex anke ghaliex ma tqajjmetx mill-atturi appellati.

Dak li invece jinsab sottomess mill-appellati hi t-tezi li gjaladarba l-kirja f'dan il-kaz intemmet kontemporanjament mal-enfitewsi l-konvenuti appellanti ma jistghux jikkampaw, ghas-sosteniment tad-difiza taghhom, id-dispost tas-subinciz (3) ta' l-Artikolu 12 in kwantu fit-tmiem ta' l-enfitewsi l-fond meritu tal-kawza ma kienx soggett ghall-kirja.

Bir-rispett kollu din il-Qorti ma tikkondividiex dan l-argoment, sostenut ukoll mill-ewwel Qorti. Gja gie rilevat illi d-dicitura tas-subinciz (3) fl-ewwel parti taghha tabbina kirja bhal dik mal-ezenzjoni tal-effetti tal-Ordinanza ossija l-Kap 69. Eppure l-istess subinciz (3) jipprovdi fil-proviso tieghu illi "meta l-kerrej taht l-imsemmija kirja ikun cittadin ta' Malta u jkun jokkupa d-dar bhala r-residenza ordinarja tieghu dan ghandu, <u>fit-tmien ta' l-imsemmija kirja</u>, jkollu l-jedd li jkompli jokkupa d-dar taht kirja gdida minghand il-padrun dirett bl-istess kera u taht l-istess kundizzjonijiet imsemmija fis-sub-paragrafi (i) u (ii) tas-sub-artikolu 2 ta' dan l-artikolu dwar l-enfitewta".

Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa dezumibbli minn dan il-proviso illi, korrettement intiz, hekk kif fit-tmiem tac-cens l-enfitewta nghata l-fakolta` bis-subinciz (2) li jikkonverti t-titolu ta' cens li kellu f'wiehed ta' kera, hekk ukoll, bl-istess mod, kerrej, li jkun irceva l-fond minghand ic-censwalist, u jkun fl-okkupazzjoni tieghu ghandu fit-tmiem tal-kirja jedd li jkompli fl-istess okkupazzjoni tal-fond pero` b'kirja gdida kif mill-proviso mahsub. Din il-Qorti ma tarax li taghmel differenza jekk dik il-kirja spiccatx fl-istess waqt tac-cens jew kienx ghad hemm kirja miexja fit-tmiem tac-cens. Riportat ghall-hsieb tal-legislatur hu wisq logiku li anke fil-kaz prospettat f'din il-kawza l-legislatur kellu l-intenzjoni li, parifikatorju ghall-kaz ta' l-enfitewta, jakkorda protezzjoni, bl-operat tal-ligi, lill-kerrej fl-okkupazzjoni tal-fond, intemmet, jew le, l-kirja simultanjament mal-enfitewsi. Hu proprju dak l-istess proviso u ghalhekk il-ligi nfisha li f'dan il-kaz tohloq ir-relazzjoni mal-padrun dirett ta' sid-

konduttur, u li allura tinvesti lill-okkupant, gja kerrej, bid-dritt li jissokta fl-okkupazzjoni tal-fond ta' abitazzjoni taht il-kirja gdida hekk mahluqa bis-sahha ta' l-istess ligi.

Din il-Qorti, ma tarax, imbaghad, kif jistghu jghoddu ghal kaz il-hsibijiet rintraccjati fis-sentenza "Salvu Azzopardi -vs- Toni Camilleri" tal-15 ta' Dicembru 1976 (esebita a fol 31) li fuqha strahu kemm l-atturi appellati kif ukoll is-sentenza appellata. Apparti li f'dak il-kaz si trattava ta' kirja rustika, l-meritu tieghu kien jantecedi l-introduzzjoni tal-Att XXIII ta' l-1979 u konsegwentement ghalhekk dik id-decizjoni ma setghetx isservi ta' ispirazzjoni u ta' ghajnuna ghall-fattispeci partikolari hawn dibattuti. Dan anke ghaliex il-principji "soluto jure dantis solvitur et jus accipientis", adottat mill-Qorti f'dik is-sentenza bhala l-bazi fondamentali tar-ragonament taghha, ma japplikax u ma jghoddx fil-kaz in ispecje.

Ghal din il-Qorti, inversament, u kif ampjament manifest, l-ispirtu tal-ligi jibqa' dak li l-legislatur ma riedx jirrestringi d-dritt tal-kerrej. Dak, cjoe, li fit-tmiem tal-kirja ssirlu konversjoni tal-kirja li gja kellu, u li hu kien igawdi minghand l-enfitewta, f'kirja gdida. Anzi l-Qorti tara li, fl-ambitu tan-norma partikolari, konsiderata fil-kumpless taghha, kien naturali li l-legislatur ried jakkorda l-opportunita` u l-istess beneficcju lill-kerrej bhal dak, u malgrado l-volonta` tas-sid, li n-norma nnifisha rrizervat lic-censwalist.

Hekk kjarifikata l-intenzjoni tal-legislatur, din il-Qorti tara li hu l-kaz li twarrab is-sentenza appellata billi tavvalla l-eccezzjoni tal-konvenut appellant li hu jgawdi titolu validu fil-ligi fuq il-fond 'de quo'. Titolu ta' kirja gdida estratta mill-vot tal-ligi fl-Artikolu 12(3) tal-Kap 158.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost u b'hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. B'hekk ukoll tichad it-talba tal-atturi appellati.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------